Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

Data tal-laqgħa: 11 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.10pm.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

72.1.1 Il-Viċi Sindku MLB kellha tiġi tard però inqabdet b'impenji oħra u ma laħqitx waslet għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 71. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

72.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 72.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

72.3.1 <u>Para 71.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-SE infurmat li l-*cover* tal-kulur wasal u l-*electrician* għandu jiġi biex jippruvaha, biex jekk tajba nordnaw il-kumplament.

72.3.2 <u>Para 71.3.3 – Villa Blackman, Triq l-Imdina</u>
Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni biex Villa Blackman issir *childcare centre,* ma ġietx approvata mill-PA.

72.3.3 <u>Para 71.3.4 - Proposta minn Balzan FC</u>
Is-SE infurmat li Balzan FC għadhom ma bagħtux id-dettalji tat-tabelli u *site plan.*

72.3.4 <u>Para 71.3.5 – *Residential Parking Scheme*</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta.

72.3.5 <u>Para 71.3.4 - Ittri li rċevew xi residenti fi Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-Sindku infurma li l-iżviluppatur għadu ma ssottomettiex l-applikazzjoni mal-PA ta' *re-alignment* tat-triq.

72.3.6 <u>Para 71.3.7 - Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati</u>
Is-Sindku infurma li se jagħmel kuntatt ma' Kunsill ieħor li diġà ibbenefika minn din l-iskema.

72.3.7 <u>Para 71.3.8 – Ismijiet ta' toroq</u>
Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier ONDG talli pprepara l-ittri bil-linwa Maltija u Ingliża biex jintbagħtu lir-residenti tat-toroq ikkonċernati. Kif intqal fil-laqgħa preċedenti, ser jingħataw ċans ta' 10 t-ijiem sabiex jinfurmawna dwar jekk jaqblux li tinbidel l-isem tat-triq. Min ma jagħti l-ebda *feedback* ser jitqies li qed jaqbel mal-proposta.

72.3.8 <u>Para 71.3.10 - *Speeding* fi Triq l-Annunzjata</u>
Is-SE infurmat li TM approvaw l-applikazzjoni u t-tabelli ġew ordnati.

72.3.9 <u>Para 71.4.1 - *PC Policy Meeting - CEMR*</u>
Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq il-laqgħa li attenda fi Praga, il-ġimgħa l-oħra.

72.3.10 <u>Para 71.7.2 - Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs</u>
Is-SE infurmat liż-żewġ Każini tal-banda wrew interess li jibbenifikaw minn din l-iskema u għalhekk ġew allokati €1,500 kull wieħed.

72.3.11 <u>Para 71.8 – Attivitajiet għal żmien il-Milied</u>
Is-Sindku infurma li l-attività li saret il-bieraħ 10/12/2023 kienet suċċess. Pubblikament irringrazzja lill-Viċi Sindku MLB tal-ħidma tagħha. Ġiet innutata l-assenza tal-emigranti mill-*Balzan Open Centre,* li kellhom jipparteċipaw fl-attività u għal xi raġuni qabdu u ma ġewx.

72.3.12 <u>Para 71.10.2 - *Poinsettias Campaign* 2023</u>

Is-SE infurmat li l-Poinsettias ġew ordnati u għandhom jaslu din il-ġimgħa.

72.3.13 Para 71.10.4 - Miżuri kontra *speeding* fi Triq B. Bontadini
Għad trid issir laqgħa mas-Sindku ta' B'kara biex tiġi diskussa l-proposta kontra *speeding* peress li parti mit-talba taqa' taħt il-konfini ta' B'kara.

72.3.14 Para 71.10.5 – Suġġeriment għal Vjal De Paule
Is-Sindku talab lis-SE biex terġa' tibgħat *reminder* lis-CEO ta' TM fuq il-kwistjoni tal-*'U-turns'*.

## 72.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.4.1 Skambju ta' Awguri
Is-Sindku infurma li ser jattendi għall-iskambju tal-Awguri tal-Ewwel tas-Sena mal-President ta' Malta. L-istedina hija miftuħa għall-Presidenti tar-Reġjun u s-Sindki.

## 72.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

72.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 72.6 Rapporti

72.6.1.1 Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2024
L-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2024 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE spjegat li l-Allokazzjoni għas-sena 2024 għadha ma waslitx, l-abbozz tal-Estimi ġie ppreparat fuq l-Allokazzjoni tas-sena 2023 peress li jrid jiġi ppreżentat fil-Laqgħa tal-Lokalità.

72.6.1.2 Is-Sindku u s-SE taw xi spjegazzjonijiet lill-Kunsilliera. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti fil-laqgħa li jmiss, b'figuri aġġornati abbażi tal-Allokazzjoni tas-sena 2024.

## 72.7 Skemi Finanzjarji

72.7.1 *Award in Waste Management 2020 - WasteServ*
Is-Sindku infurma li biex ma nitilfux is-somma (€3K) abbinata mal-premju li l-Kunsill rebaħ fl-2020, applikajna biex tiġi ffinanzjata parti mill-ispiża biex sar l-*embellishment* tas-*central strip* ta' Triq il-Kannizzata. L-applikazzjoni ġiet approvata.

72.7.2 Skema Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Milied 2023
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ispejjeż totali relatati ma' din l-iskema jammontaw għal €9,095.45. Qalet li diġà ħarġet *invoice* lir-Reġjun biex l-ispiża tiġi rifonduta. Il-Kunsill qabel li l-ħelu li kien għad baqa' mill-attività jitqassam lir-residenti.

72.7.3 Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs
Is-SE infurmat li ż-żewġ Każini tal-banda wrew interess li jibbenifikaw minn din l-iskema u għalhekk is-somma allokata ta' €3k ġiet maqsuma bejniethom.

## 72.8 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

72.8.1 Triq Ġulju Cauchi
Is-SE infurmat lix-xogħlijiet fi Triq Ġulju Cauchi kellhom jibdew mil-lum.

72.8.2.1 Triq San Franġisk
Is-Sindku infurma lill-Kunsill b'ilment ta' resident fuq kif qed issir il-bankina f'k/m Triq San Gabriel. Dan l-ilment għaddejnieh minnufih lill-Perit (IM) inkarigat mill-proġett, fejn infurmana li bħala l-bankini qed isiru hekk bħala *standard* bħala miżura ta' *traffic calming.*

72.8.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u jħoss li l-mod ta' kif saret, iktar se jkun hemm problemi ta' *traffic flow* u aktar ċans ta' *traffic accidents*. Se ninfurmaw lill-Perit b'dan.

72.8.3 <u>Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku infurma lis-CSU lestew il-pjanti tal-proposta għall-*Storm Water System* u għaddejniehom immedjatament lill-IM. Qed nistennew risposta minn IM dwar jekk hux se jinkludu dawn ix-xogħlijiet mal-proġett ta' rikostruzzjoni tat-triq.

72.8.4.1 Il-Kunsillier ONDG semma l-problema ta' *over speeding* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima. Apparti minn hekk l-i*stop signs* li hemm fis-*side streets* mhux qed jiġu osservati u għalhekk issuġġerixxa li jsiru *sleeping policemen* f'kull kantuniera. Ġie rrimarkat li mhux se ssir l-ebda *sleeping policeman* qabel ma jkun hemm il-kunsens tar-residenti tal-madwar.

72.8.4.2 Is-Sindku qal li din l-*community police* huma nfurmati b'din il-problema, biex isir infurzar.

## 72.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

72.9.1 <u>Talba mill-impjegati biex iġġeddu xi *leave* għas-sena 2024</u>
Il-Kunsill approva t-talbiet tal-impjegati biex iġeddu xi *leave* mill-2023 għall-2024, kif indikat:

- Mariella Casha (Assistent Prinċipal) – 28.5 siegħa;
- Sonia Ellul (Skrivana) – 53.75 siegħa; u
- Caroline Galea (Skrivana) – 12.5 siegħa.

**F'dan il-ħin (4.40pm) daħal il-Kunsillier AG għal-laqgħa.**

72.9.2 <u>Kaptell fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Il-Kunsillier ONDG infurma li fi Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal Sir M A Refalo hemm kaptell perikoluż. Is-sid se jiġi nfurmat biex jirranġah.

72.9.3 <u>*Claim No.* 01/2023</u>
Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab f'*tyre* tal-vettura, meta kien għaddej minn Triq il-Kbira, fl-24/11/2023, minħabba li kien hemm ħofra. Din il-ħsara tammonta għal €75. Il-Kunsill approva t-talba.

72.9.4 <u>*Claim No. 02/2023*</u>
Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrbet f'*tyre* tal-vettura, meta kienet għaddejja minn Triq il-Kbira, fit-02/12/2023, minħabba li kien hemm ħofra. Din il-ħsara tammonta għal €75. Il-Kunsill approva t-talba.

72.9.5 <u>*Claim No. 03/2023*</u>
Resident qed jitlob kumpens għal ħsara li saritlu fil-parapett fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, allegatament mill-kuntrattur tal-*Bulky Refuse*. Din il-ħsara tammonta għal €220. Is-SE infurmat lill-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* annega t-tort. Is-SE qalet li l-Pulizija se jibgħatu għall-kuntrattur. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw mal-avukat dwar jekk il-Kunsill hux legalment responsabbli għal danni lill-terzi kkawżati minn kuntratturi li jagħtu servizz b'*tender* mal-Kunsill.

72.9.6 <u>Talba għal *Communal Reserved Parking Bay*</u>
Resident fi Triq il-Ferrovija l-Qadima qed jitlob li ssir *Communal Reserved Parking Bay* fit-triq peress li preżentament l-iskema tar-*Reserved Parking Bays* hija magħluqa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niġbru aktar informazzjoni fuq din it-talba.

## 72.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

72.11.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 12/23, li tinkludi l-ammont ta' €62.31c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2023.

72.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier AG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

72.11.3 Is-Sindku ħareġ mill-kamra sakemm ġiet approvata l-iskeda peress li kien hemm pagamenti nru. 35 u 36 (transazzjoni nru. 383/23) indirizzati lilu.

## 72.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

72.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00pm.

72.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 23 ta’ Jannar 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 23 ta’ Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |